MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 18/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Carmel Camilleri, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa mija tmienja u tmenin (1988) kien seħħ l-omiċidju tal-Baruni Sant Cassia quddiem Castello Zammittello ġewwa l-Imġarr, liema post filfatt kienet ir-residenża ordinarja tal-istess Baruni, u liema omiċidju kien baqa irriżolt. Fis-sena elfejn u erbgħa (2004), waqt investigazzjonijiet li kienu qed iseħħu mill-Pulizija Eżekuttiva fir-rigward ta' każ ieħor konċernanti terżi persuni, irriżulta li l-persuna responsabbli għad-delitt

tal-Baruni Sant Cassia, kien l-akkużat Carmelo Camilleri.

Illi mill-fatti rriżulta wkoll, li l-akkuzat kien ġie offrut somma flus sabiex jikkometti d-delitt, parti minn liema somma kellha titħallas wara l- kommissjoni tal-istess reat. Di piu irriżulta li dakinhar tal-inċident kien mar fuq il-post tad-delitt fejn malli wasal għall-ħabta ta' l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in nhar (4:30pm/16:30hrs), qabez wara ċint tas-sejjieħ li jinstab ftit metri l-bogħod faċċata mill-Castello Zammitello u baqa jistenna li joħroġ il-Baruni Sant Cassia mir-residenża tiegħu.

Filfatt irriżulta li meta sussegwentement il-Baruni ħareġ mir-residenża tiegħu madwar siegħa wara u ċioe' għall-ħabta tal ħamsa u nofs ta' fil- għaxija (5:30pm/17.30pm), l-akkużat Carmelo Camilleri, ippunta senter li kien fil-pussess tiegħu fid-direzzjoni tal-Baruni u, dolożament, bil- ħsieb li joqtlu jew li jqegħdlu ħajtu f'periklu ċar, taħ tir ġo rasu. Il-Baruni Sant Cassia miet fuq il-kolp minħabba l-ġrieħi gravissimi li soffra minħabba dan id-delitt ippjanat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Camilleri sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il- ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Camilleri, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta'

din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) għall-ħabta ta' ħamsa u nofs ta' fil-għaxija (5:30pm/17:30hrs) ġewwa l-Imġarr, jirriżulta li l-akkużat Carmelo Camilleri, ippunta senter li kien fil-pussess tiegħu fid-direzzjoni tal- Baruni Sant Cassia u, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdlu ħajtu f'periklu ċar, taħ tir ġo rasu. Fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-persuna tal-Baruni Sant Cassia.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Camilleri sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Camilleri, ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta' L-Ordinanża dwar l-Armi (Kap 66) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u fiċ- ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe' nhar is-sebgħa u għxorin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija (5:30pm/17:30hrs) ġewwa l-Imġarr, l-akkużat Carmelo Camilleri, fi triq pubblika fl-Imġarr, spara arma tan-nar kif fuq spjegat, mingħajr ma' kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel hekk.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Camilleri sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit- toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Camilleri, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

Talab li jingħamel skond il-liġi kontral l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn erba snin jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax il-elf Euro (€15,000) u mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew ta' dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 24(2), 29(a) u 33(1) ta' L-Ordinanża dwar l-Esplossivi (Kap 33) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fiż-żmien u fiċ- ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe' nhar is-sebgħa u għxorin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija (5:30pm/17:30hrs) ġewwa l-Imġarr, l-akkużat Carmelo Camilleri, kellu f'idejħ arma tan-nar u munizzjon mingħajr ma' kien debitament liċenżjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa filfatt spara din l-arma kif intqal fil- kapi preċedenti.

Illi b'għemilu l-imsemmi Carmel Camilleri sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejħ jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Carmel Camilleri ħati

talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66), u l-artikoli 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tad-9 ta' Dicembru, 2008 li biha eccepixxa:-

1. In-nullita' ta' l-att tal-akkuza fit-totalita' tieghu stante difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fir-rifjut tal-Qorti Istruttorja minghajr raguni tajba milli tisma l-provi mitluba mill-akkuzat u dan kif hemm provvdut fl-artikolu 597(4) tal-Kap.9 skond ma jirrizulta a fol. 1037 – 1038 tal-process.
2. illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, ir-reati addebitati lill-akkuzat fit-tieni, t-tielet u r-raba' Kap tal-Att ta' l-akkuza huma milqutin bil-preskrizzjoni;
3. minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, il-piena mitluba fir-raba' kap tal-Att ta' l-akkuza ma tirrispekkjax dik il-piena li l-ligi tipprovdi ghar-reat addebitat
4. l-inammissibilita' ta' l-istqarrijiet ta' Angelo Muscat esebiti mill-Ispettur Chris Pullicino a fol. 833 et seq. tal-process stante li ma jikkostitwux prova skond il-ligi f' dan l-istadju tal-proceduri.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-istess nota.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Dicembru, 2008, li biha, b' riferenza ghan-nota tal-akkuzat, ta avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' provi indikati minn numru 2 sa 23 stante li minn imkien ma jidher li d-depozizzjoni taghhom hi jew tista' tkun rilevanti ghall-mertu tal-kaz u peress li fin-nuqqas ta' l-oggett tal-prova li trid issir bihom, l-ammissibilita' o meno taghhom ma tirrizultax.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta’ Marzu, 2009, li bih Dr. Busietta, b’ referenza ghall-ewwel eccezzjoni, ddikjara li kien dispost li jirtira din l-eccezzjoni jekk il-Qorti stess tinnomina espert biex jirrelata dwar l-I.Q. level tal-akkuzat u li bih Dr. Lanfranco, bla pregudizzju, iddikjarat li ma topponix ghal din in-nomina ghalkemm tenniet li fil-ligi Maltija l-I.Q. baxxa la hi skuzanti w lanqas skrminanti.

Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih innominat bhala espert in materja lil Dr. Joseph Vella Baldacchino biex, wara li jezamina klinikament lill-akkuzat, jirrelata dwar il-livell tal-I.Q. tal-akkuzat mhux aktar tard minn xahar minn dak in-nhar.

Rat il-verbal li bih Dr. Chris Busietta, in vista ta’ dan il-provvediment, irtira l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li, b’ referenza ghar-raba’ eccezzjoni, l-istqarrija a fol. 833 tista’ tintuza biss mill-partijiet biex tikkontrolla xhieda viva voce ta’ Joseph Muscat, u li bih din l-eccezzjoni giet irtirata.

Rat in-Nota tal-istess data li biha l-akkuzat irtira w ceda l-ewwel u r-raba’ eccezzjoni.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-24 ta’ Marzu, 2009, li biha ddikjara li fir-rigward tal-eccezzjoni numru 3 tad-difiza, l-artikolu 3(1A) gie fis-sehh fis-sena 1986 permezz tal-Att XXXV .1986.2, kif jidher mid-dokument anness. Ghalhekk in vista tal-fatt li l-allegat reat sehh fis-sena 1988, l-artikolu 3(1A), kif jinqara llum, bil-piena hemm erogata hija dik applikabbli ghall-kaz in ezami w b’ hekk l-eccezzjoni tal-akkuzat ghandha tigi rtirata.

Rat in-Nota ta’ sottomissjonijiet tal-akkuzat tat-30 ta’ Marzu, 2009.

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-1 t’ April, 2009 li biha ddikjara w spjega l-oggett tal-prova li jrid jaghmel minn kull xhud dikjarat minnu.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2009, li bih Dr. Lara Lanfranco, ddikjarat li wara li giet prezentata n-nota tal-akkuzat tal-1 t' April, 2009, kienet qed tillimita l-eccezzjoni tal-Avukat Generali ghax-xhieda 1 sa 5, 15 u 19.

Rat il-verbal li bih Dr. Giglio, b' referenza ghax-xhieda indikati taht in-numri 16, ddikjara li r-relevanza tal-prova hija sabiex jispjegaw x' wassal sabiex huma jiktbu dak li kitbu fl-ittri minnhom mibghuta w li jiffurmaw parti mill-inkjesta relattiva w dwar x' konsegwenzi kien hemm a bazi ta' dawn l-ittri hekk miktuba.

Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih irrizervat li tipprovdi fuq l-eccezzjoni tal-Avukat Generali, fuq ir-rilevanza ta' dawn ix-xhieda, kif issa limitata, waqt il-guri meta tara x' linja preciza tkun qed tiehu d-difiza.

Rat ir-relazzjoni tal-espert Dr. Joseph Vella Baldacchino minnu prezentata w konfermata bil-gurament waqt l-istess udjenza, kif ukoll il-verbali tax-xhieda mismugha mill-espert bil-gurament li tinsab registrata bil-miktub u annessa mal-istess relazzjoni;

Rat il-verbal li bih, peress li kif spjega l-istess espert, hu kellu jirrikorri ghall-assistenza tal-espert psikologiku Martin Micallef, il-partijiet qablu li dan l-istess Martin Micallef jikkonferma r-relazzjoni tieghu fir-Registru quddiem id-Deputat Registratur, b' dan li fil-guri eventwali, meta jissejjah Dr. Joseph Vella Baldacchino, jidher mieghu l-istess Martin Micallef li gie nominat bhala espert in materja.

Rat illi l-istess Martin Micallef ikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament (a fol. 9 tal-istess relazzjoni) fis-26 ta' Gunju, 2009, quddiem id-Deputat Registratur.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-akkuzat, tal-15 ta' Gunju, 2009;

Ikkonsidrat;

Illi fadal li jigu decizi biss it-tieni w it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat li tirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-akkuzi kontenuti fit-tieni, t-tielet u r-raba’ kapi, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, l-akkuzat jghid li din l-eccezzjoni hija sollevabbli anki f’ dan l-istadju w mhux il-kaz li trid tigi deciza mill-gurija wara d-debita spjega tal-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri. In sostenn ta’ dan jiccita l-artikolu 449 (1) (c ) tal-Kap. 9 li jghid li fost l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw biss jekk dwarhom ikun inghata avviz bil-miktub kif provvdut fl-artikolu 438 (2) hemm proprju dik tal-estinzjoni tal-azzjoni. Jghid li l-preskrizzjoni hija wahda mill-modi kif, fil-kamp penali, l-azzjoni tigi estinta. Hu ta din l-eccezzjoni bil-miktub u allura jinhtieg li din l-eccezzjoni tigi deciza kif provvdut fl-artikolu 438 (2). Jargumenta li l-periodu tal-preskrizzjoni fil-kaz tat-tieni w t-tielet kapi huwa dak ta’ hames snin u dak tar-raba’ kap, in pessima ipotesi, ukoll hu ta’ hames snin u, jekk tigi akkolta s-sottomissjoni tieghu dwar il-piena applikabbli, hu ta’ sentejn. Tenut kont li qed jigi allegat li dawn ir-reati sehhew fis-27 ta’ Ottubru, 1988 u tenut kont tal-fatt li l-akkuzat tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi fis-sena 2006, ghandu jirrizulta li l-periodi stipulati kienu skadew.

Illi fir-risposta ghan-Nota ta’ sottomissjonijiet tal-akkuzat, l-Avukat Generali jissottometti li ghalkemm ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tirraprezenta wahda mill-forom ta’ estinzjoni, pero’ l-artikolu 449 (3) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-eccezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu jistghu jinghataw, wara l-verdett tal-guri w qabel is-sentenza, meta l-htiega taghhom titnissel minn fatt jew cirkostanza ta’ fatt li tigi dikjarata espressament mill-guri. Ghalhekk jargumenta li ma hemmx l-obbligu li din il-Qorti tiddeciedi dwarha f’ dan l-istadju. Peress li d-decizjoni dwar dawn it-tlitt kapi hija marbuta ma’ dikjarazzjoni ta’ htija o meno dwar l-akkuza dedotta fl-ewwel kap, u cioe’ l-

qtil volontarju tal-Baruni Sant' Cassia, l-ewwel irid jigi deciz jekk l-akkuzat hux hati taht l-ewwel kap. Ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax tigi deciza f' dan l-istadju.

L-Avukat Generali jkompli jissottometti li anki jekk din il-Qorti tkun propensa li tideciedi dwar din l-eccezzjoni f' dan l-istadju, ghalkemm veru r-reati sehhew fis-sena 1988, il-Pulizija ma kellhom l-ebda suspett jew gharfien dwar min seta' kien responsabbli sas-sena elfejn u erbgha (2004) u ghalhekk tappika d-dispozizzjoni tal-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali li tghid li z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitt ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf. Ghalhekk it-termini dekoribbli skond l-artikolu 688 ma jkunux dekoribbli qabel l-gharfien tal-Pulizija tal-"hati" w allura l-azzjonijiet indikati taht dawn it-tlitt kapi tal-att ta' l-akkuza gew intavolati qabel l-iskadenza tat-termini preskrittiv u konsegwentement l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx dubju li l-eccezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni tikkomprendi wkoll dik tal-preskrizzjoni. Jidher car ukoll li tali eccezzjoni tista' tinghata biss jekk dwarha ikun inghata avviz bil-miktub kif provdut fl-artikolu 438 (2) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk indubbjament l-akkuzat kien korrett meta ta avviz ta' din it-tieni eccezzjoni f' dan l-istadju. Skond l-artikolu 438 (4) meta jinghata avviz ta' tali eccezzjonijiet, il-Qorti ghandha tappunta l-kawza ghas-smiegh tal-eccezzjonijiet kollha w tghaddi biex tiddeciedi fuqhom, qabel ma l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati jew le. Ghalhekk il-Qorti tidher li hi marbuta li tiddeciedi tali eccezzjoni anki f' dan l-istadju.

Il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel sottomissjoni tal-Avukat Generali hawn fuq riprodotta li taghmilha possibbli li - ghax il-ligi tippermetti li xi eccezzjoni tinghata w tigi deciza wara l-verdett tal-guri meta l-htiega taghha titnissel minn fatt jew cirkostanza ta' fatt li tigi dikjarata espressament mill-guri - allura hija m' ghandix tiddeciedi din l-eccezzjoni f' dan l-istadju. Dak hu poter fakultattiv residwali li ma jnaqqasx l-import tal-artikolu 438 (4) li jidher li hu vinkolanti.

Pero', hawn non si tratta ta' xi kalkolu matematiku semplici li tista' taghmel din il-Qorti wahedha fuq l-atti processwali, billi tara meta gew kommessi l-allegati reati, meta l-akkuzat tressaq quddiem il-Qorti w tara jekk dan sarx entro l-periodu preskrittiv ghar-reati rispettivi. L-Avukat Generali qed jitfa' in kontestazzjoni l-kwistjoni ta' fatt dwar minn meta tibda' tiddekorri l-preskrizzjoni rispettiva applikabbli ghar-reati taht dawn it-tlitt kapi w qed jallega li l-Pulizija saret taf bil-htija allegata tal-akkuzat biss fis-sena 2004 u ghalhekk skond l-artikolu 692 l-preskrizzjoni ma tkunx bidet tiddekorri. Illi certament li din hija kwistjoni ta' fatt li trid tigi determinata wara li jinstemghu l-provi dwarha.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiddetermina din il-kwistjoni ta' fatt importanti f' din is-sentenza w trid bil-fors tirrizerva li tisma' l-provi dwarha jew f' dan l-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari jew inkella waqt l-istess guri, fejn allura din il-kwistjoni ta' fatt tigi determinata mill-gurati.

Ghalhekk ser taghti l-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu sottomissjonijiet orali ulterjuri dwar jekk il-provi dwar din l-eccezzjoni ghandhomx jitressqu f' dan l-istadju jew jekk ghandhomx isiru fl-istadju tal-guri w tiddeciedi dwar dan illum stess (biex ma jinholqux diffikultajiet procedurali b' mod partikolari dwar xi appelli eventwali).

Ikkonsidrat;

Dwar it-tielet eccezzjoni, l-akkuzat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, qed jissottometti li fil-parti espozittiva tar-raba' kap l-Avukat Generali qed jirreferi ghall-artikolu 3 (1) tal-Kap. 66 mentri fil-parti akkuzatorja qed jirriferi ghall-artikolu 3 (1A) tal-istess kapitolu. L-artikolu 3 (1) jipprovdi ghall-piena ta' minn tlitt xhur sa tlett snin prigunerija meta ma jkunx applikabbli l-proviso tal-istess artikolu. Imkien fil-parti espozittiva ma hemm referenza ghal dan il-proviso u ergo l-piena li kellha tigi indikata kellha tkun il-multa ta' mhux inqas minn tletin lira jew prigunerija ghaz-zmien ta' mhux izjed minn tlett xhur jew il-multa jew il-prigunerija flimkien. Ghalhekk il-piena

mitluba fir-raba' kap ma tirriflettix il-piena stipulata ghar-reat ravvizat fil-parti espozittiva.

L-Avukat Generali ssottometta li l-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 66, kif jinqara llum, gie fis-sehh fis-sena 1986 permezz tal-Att XXXV . 1986. 2. u, peress li r-reat allegat sehh fis-sena 1988, hu dan l-artikolu li hu applikabbli ghall-kaz in ezami.

Ikkonsidrat;

Illi mhux korrett l-akkuzat meta jghid li fil-parti espositiva l-Avukat Generali rrefera ghall-artikolu 3 (1) tal-Kap. 66. ghax fil-parti espozttiva ma ssemma ebda artikolu. Kull ma jintqal fil-parti espozittiva hu li l-akkuzat fid-data, hin u post imsemmija "kellu f' idejh arma tan-nar u munizzjon minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija…" pero' fil-paragrafu sussegwenti jghid : "Illi b' ghemilu l-imsemmi Carmel Camilleri sar hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew f' idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu."

Illi ma hemmx kwistjoni li l-ligi applikabbli ghar-reat dedott hija l-Kap. 66 kif emendat bl-Att XXXV ta' l-1986 stante li l-allegat reat sehh fil-1988. Bl-emenda imsemmija kien gie emendat l-artikolu 3 biz-zieda tas-subartikolu gdid (1A) li kien jittratta dwar il-pussess ta' "xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu" (sottolinear ta' din il-Qorti). Dar-reat gdid kien igib piena ta' minn xaharejn sa sentejn prigunerija.

Issa ghalkemm l-Avukat Generali fil-parti akkuzatorja fejn talab il-piena, ghamel referenza espressament ghall-artikolu 3 (1A) u talab l-erogazzjoni tal-piena relattiva ta' minn xaharejn sa sentejn prigunerija, hu minnu li fil-parti espozittiva ma semmiex ic-cirkostanza li l-pussess tal-arma u munizzjon kien barra minn fond jew post li jaghmel mieghu w dan semmieh biss fit-tieni paragrafu, cioe' fil-parti akkuzatorja.

Ghalhekk jekk treggi l-parti espozittiva, l-piena li kellha tintalab kienet suppost dik preskritta fl-artikolu 3 (1) tal-Kap. 66, li hija dik aktar gravuza ta' minn tlitt xhur sa tlitt snin.

Pero' l-akkuzat qed jakkampa din il-linja difensjonali tieghu fuq l-argument li ladarba ma jirrizultawx ic-cirkostanzi imsemmija fil-proviso tas-subartikolu (1), allura hija applikabbli l-piena ferm inqas gravuza ta' multa ta' mhux inqas minn LM30 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur jew dik il-multa w prigunerija flimkien.

Issa l-imsemmi proviso jaqra testwalment hekk:-

" Izda meta wara li tkun giet ikkunsidrata il-kwantita' jew il-kwalita' ta' dawk l-armi tan-nar jew munizzjon, il-Qorti tkun tal-fehma illi dawn ma kienux qed jinzammu sabiex isir biegh jew traffkar iehor kontra l-ligi b' dawk l-armi tan-nar jew munizzjon, il-hati jehel il-piena tal-multa ta' mhux inqas minn tletin lira Maltija jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur , jew dik il-multa u prigunerija flimkien."

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti r-reat sostantiv hu dak inkluz u imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 3 (1) u li l-proviso jipprovdi biss ghall piena inqas meta l-Qorti tkun tal-fehma li ma jirrizultawx certi cirkostanzi. Ghalhekk l-Avukat Generali kellu kull dritt li jakkuza lill-akkuzat bir-reat li jaqa' taht l-art. 3 (1) u ma kellu ebda obbligu li jattribwilu xi cirkostanzi attenwanti li jissemmew fil-proviso. Sta mbaghad ghall-istess akkuzat li, bhala linja difensjonali tieghu, jissodisfa lill-gurija sal-grad tal-probabbli li ma jezistux ic-cirkostanzi li jissemmew fil-proviso u b' hekk ikun intitolat ghall piena inqas.

F' kull kaz il-piena mitluba mill-Avukat Generali (ovvjament skond l-artikolu 3 (1A) minnu citat) hija inqas minn dik skond l-artikolu 3 (1) u ghalhekk it-talba ghall-kundanna kif saret ma tippregudikax lill-akkuzat ghax hi inqas mill-piena erogabbli skond l-artikolu 3 (1).

Pero’ in vista tad-diskrepanza bejn dak li gie premess fil-parti espozittiva w dak li qed jintalab fil-parti akkuzatorja, l-Qorti qed tordna a tenur tal-artikoli 597 tal-Kodici Kriminali li r-raba’ kap tal-att ta’ l-akkuza jigi emendat kif gej:-

Fit-tieni w it-tielet paragrafi tar-raba’ kap jithassru l-kliem :-

“barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.”

u

fit-tielet paragrafu c-cifri w ittra “3(1A)” jithassru w jigu sostitwiti bic-cifri “3 (1)”

Qed jigi pero’ espressament rizervat ghall-akkuzat li jirrikorri ghall-kull linja difensjonali li tkun tintitolah ghal xi piena inqas kif jipprovdi l-proviso ghall-artikolu 3 (1) tal-Kap. 66.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita’ tal-provi, Dr. Lara Lanfranco fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju, 2009, kienet ivverbalizzat li kienet qed tillimita l-eccezzjoni taghha ghax-xhieda indikati bin-numru 1 sa 5 u l-15 u 19. L-oggett tal-prova indikat fin-Nota tal-akkuzat tal-1 t’ April, 2009, kienet fil-konfront ta’ dawn is-seba’ xhieda biex, bhala gara, hbieb jew konoxxenzi tal-akkuzat, jixhdu dwar jekk qattx raw lill-akkuzat igorr armi tan-nar u/jew jispara.

Din il-Qorti kienet iddegretat li ser tirrizerva li tipprovdi waqt il-guri dwar din l-eccezzjoni fuq ir-rilevanza ta’ dawn ix-xhieda meta tara x’ linja preciza tkun qed tiehu d-difiza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari bil-mod kif gej:-

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u r-raba eccezzjoni tal-akkuzat stante li dawn gew irtirati fil-mori tal-kawza.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-akkuzat, tordna s-smiegh tal-provi jew f' dan l-istadju jew fl-istadju tal-guri, skond ma jigi deciz aktar il quddiem minn din il-Qorti llum stess, dwar minn meta kellha tibda tghaddi il-preskrizzjoni ghar-reati komprizi fit-tieni, t-tielet u r-raba' kapi tal-att ta' l-akkuza;

Tichad it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat pero', a tenur tal-artikoli 597 tal-Kodici Kriminali tordna l-korrezzjoni tar-raba kap tal-att ta' l-akkuza billi:

fit-tieni w it-tielet paragrafi tar-raba' kap jithassru l-kliem :-

“barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.”

u

fit-tielet paragrafu c-cifri w ittra “3(1A)” jithassru w jigu sostitwiti bic-cifri “3 (1)”

b' dana pero' li qed jigi espressament rizervat ghall-akkuzat li jirrikorri ghall-kull linja difensjonali li tkun tintitolah ghal xi piena inqas kif jipprovdi l-proviso ghall-artikolu 3 (1) tal-Kap. 66 fil-kors tal-guri.

Tirrizerva li tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita' tax-xhieda tal-akkuzat indikati bin-numri minn 1 sa 5, 15 u 19, waqt il-guri, meta tara x' linja preciza tkun qed tiehu d-difiza.

Tirrizerva li taghti kull provvediment iehor dwar il-smiegh tal-provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni w dwar id-differiment tal-kawza ghall-aktar tard fl-udjenza tal-lum stess.

Tordna n-notifika tal-Att tal-Akkuza kif korrett lill-akkuzat ghal kull buon fini.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------